**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**

*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 010/2021

9 ta' Settembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Johann Scerri | – Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Noyah Spiteri Hammett | – Kunsilliera |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |

**ASSENTI:**

Nil

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

### 10.1 Qari ta' ittri ta' apologija

10.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kienet intbaghtet mill-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett li permezz taghha, il-Kunsill Lokali gie mitlub jiggustifika n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett mis-Seduta ghal ragunijiet ta' xoghol. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

10.1.2 Is-Sindku qrat e-mail li kienet intbaghtet mill-Kunsilliera Melanie Agius li permezz taghha, il-Kunsill Lokali gie mitlub jiggustifika n-nuqqas tal-Kunsilliera Agius mis-Seduta ghal ragunijiet ta' xoghol. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Agius kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

### 10.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

10.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 9/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

10.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco Agius issekondat mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

10.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

**10.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

10.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet inzammet laqgha li kienet giet ikkordinata mir-Regjun Xlokk gewwa l-Birgu. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi waqt l-istess laqgha kien gie diskuss materjal relatat ma' sottomissjoni li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien ghamel ghall-kandidatura tieghu b'konnessjoni mal-*European Capital of Culture* 2031.

10.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta ghal skema ta' accessibilita' u mobilita' varata mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali kienet giet milqugha u l-Kunsill Lokali ta' Bormla kien ser ikun qieghed jibbenefika minn ftit aktar minn mitejn elf ewro sabiex jimplimenta progett fi Pjazza Santa Margerita.

10.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'komunikat li kienet irceviet b'konnessjoni mal-President's Fun Run, liema attivita' inkarigat lill-Kunsillier Martin Vella sabiex jiehu hsieb.

10.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ittellghet b'success ir-raba' edizzjoni tal-Cospicua Short Play Festival. Is-Sa. Zerafa Civelli rringrazzjat lil dawk kollha li b'xi mod kienu involuti fl-attivita'.

**10.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

10.4.1 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : " Qijad nitlob spiegazioni dwar x qed jigri fil gbir tal Bulky u hmieg iehor li qed jithalla.Nifhem li ma jistax jingabar terrapien min tal Bulky però ta lanqas tittiehed nota biex jingabar mill Kunsill..
Il lbierah kien hemm kas fi triq San Frangisk fejn anzjana mit renju unit b dizabillita go wheel Chair kellha tinzel il bankina u tohrog f nofs it triq.
Jiddispjacini dawn l affarijiet ghalijha mux accettabli,irridu naraw x se naghmlu biex nirrangaw is sitwazzjoni.."
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Il-kuntrattur tal-Kunsill Lokali ma huwiex awtorizzat sabiex jigbor skart ta' kostruzzjoni. L-istess skart jingabar mill-Kunsill Lokali permezz tal-haddiema assenjati. Dan pero' jiddependi mill-informazzjoni li jircievi l-istess Kunsill Lokali".

10.4.2 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : " Nixtieq nigbed ghall attenzjoni taghkom dwar xi haga li qed iddejjaqni hafna..
Qed nitlob ghal aktar rubbish bins specjalment go pjazza Gavino Gulia u tindif aktar frekwenti taghhom..
Il bins m humiex qedin jitnaddfu kuljum u hemm tal Klieb specjallment ilu sentejn maqlugh.
Min- Naha l ohra qed nitlob li L pjazzez it tnejn li huma isir aktar hasil fihom..il hmieg li hemm ma l Art huwa xi haga kbira."
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Kemm il-darba jkun hemm qbil bejn il-Kunsilliera tista' titressaq talba lill-awtoritajiet sabiex jizdiedu l-litter bins. Dan peress illi z-zoni imsemmija huma arterjali u jaqghu taht ir-responsabilita' tal-Gvern Centrali".

10.4.3 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : " Nixtieq nistaqsi fiex Wasslu l parking lines ta triq Santa Margherita?
Ghal din it triq qed nipproponi li fejn hemm il Kantuniera ta Sitwell qabel ma tinzel ghal triq Gorg issir mera li thares il fuq u stop sign Ma l art.ha nevitaw li ssir dizgrazzja.il gimgha L ohra 2 habtiet kien hemm.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Kemm il-darba jkun hemm qbil, ma kellha tinstab ebda oggezzjoni sabiex tigi sottomessa applikazzjoni u titwahhal tabella hekk kif propost".

10.4.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat ghaliex ma huwiex jingabar l-iskart bi scammel tas-separazzjoni u ghanda data meta dan ser jibda' jsir?"
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Ser inkun qieghed naghti risposta bid-dettalji fis-seduta segwenti peress illi l-mistoqsija ma gietx mghoddija lili qabel is-seduta u ghaldaqstant ma kienx hemm ic-cans illi niccekkja".

10.4.5 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat f'liema stadju wasal ix-xoghol fi Grawnds Peppi Delceppo?
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Il-progett ta' grawnds Peppi Delceppo qieghed jigi segwit mill-Perit tal-Kunsill Lokali. Il-kuntrattur huwa marbut bi zmien sa' meta' ghandu jitlesta l-progett".

10.4.6 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat meta ser jinzabru u jinqatghu sigar li hemm fi Triq il-Mithna u Suq Bonnici?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Ser inkun qieghed naghti risposta bid-dettalji fis-seduta segwenti peress illi l-mistoqsija ma gietx mghoddija lili qabel is-seduta u ghaldaqstant ma kienx hemm ic-cans illi niccekkja".

10.4.7 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat jekk culvert li hemm fi Triq Santa Margerita tnaddafx mill-kuntrattur ghaliex ghad hemm xi zrar u bicciet ta' asphalt?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Minn informazzjoni li ghandi il-culvert tnaddaf. Ser inkun qieghed nara illi ssir spezzjoni u jekk ma tnaddafx tajjeb il-kuntrattur jerga' jigi mitlub jaghmel ix-xogholijiet".

**10.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

10.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru08/21) ghall-approvazzjoni.

10.5.2 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

10.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Lulju/Awissu 2021.

10.5.4 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**10.6 Mozzjonijiet**

10.6.1 Mozzjoni numru 21/2021 (VIII)
Qijad inressaq mozzjoni biex issir crash barrier fi Triq San Nikola kantuniera ma' Triq l-Immakulata. Faccata diga' hemm *crash barriers*. Dan jigu. Bejn il-mina 'l maghluqa u z-*zebra crossing*. Din ghnadha ssir ghal protezzjoji tan-nies minn vetturi li jkunu telghin.

Proponent : James Cauchi
Sekondant : Marco Agius

Il-mozzjoni giet issekondata mis-Sur Marco Agius u ghaddiet b'votazzjoni ta' tliet voti favur u zewg astensjonijiet. Fuq talba tal-Kunsillier Cacuhi gew registrati l-voti li kienu s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Favur |
| Marco Agius. | – Favur |
| Johann Scerri | – Astensjoni |
| Martin Vella | – Astensjoni |
| James Cauchi | – Favur |

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

10.6.2 Mozzjoni numru 22/2021 (VIII)
Qieghed inressaq mozzjoni sabiex nergghu naghmou mill-gdid l-isem ta' Triq l-Inkoronazzjoni f'mafkar jew lapida zghir.
Proponent : Marco Agius
Sekondant : Alison Zerafa Civelli

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

10.6.3 Mozzjoni numru 23/2021 (VIII)
Ippermettuli nressaq mozzjoni specjalment ghal attenzjoni u tali approvazzjoni wkoll tal-kunsillier kollega u dekasteru koncernat dwar talba kongunta dekasteru ma iehor kif gej:
Fuq talba ta' ammont ta' feeders kif ukoll ta' persuni ohrajn li jaqsmu min-naha tal-gibjun ghal istage u vici versa anke fejn qed jigu innotat ukoll li qed jaqsmu qtates ukoll meta ftit il fuq poggejna wkoll cat café b'mod immedjat ghandna naraw li titwahhal sleeping policeman minhabba incidenti li qed jirrizultaw mill-karozzi anke peress li lejn l istage sal mina ta' sant liena hemm qlib li jista l karozzi qed izidu fil velocita anke jekk forsi mhux ukoll b mod intenzjonat.

Proponent : James Cauchi
Sekondant : Marco Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**10.7 Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjonijiet**

10.7.1 Ma kienx hemm materji x'jigu dikussi.

**10.8 Rapporti**

10.8.1 Is-Sindku stiednet lill-Vici-Sindku sabiex jaggorna lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru b'konnessjoni ma' Jum Bormla 2021. Il-Vici-Sindku filwaqt li informa lill-Kunsilliera prezenti b'dak li kien qieghed jipprepara informa lill-Kunsill

Lokali illi fis-seduta segwenti kien ser ikun qieghed iressaq abbozz ta' programm ta' attivitajiet marbuta ma' Jum il-Lokalita'

10.8.2 Il-Kunsillier Johann Scerri pprezenta dokument li permezz tieghu talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi fix-xahar ta' Dicembru 2021 tittella' attivita' fi zmien il-festa bil-ghan illi fil-lokalita' xorta wahda tiholoq atmosfera ta' celebrazzjoni. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi fic-cirkostanzi wiehed kellu jistenna eventwali zviluppi li seta' jkun hemm sa Dicembru 2021 qabel tittiehed decizjoni formali min-naha tal-Kunsill Lokali.

10.8.3 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Kien hemm qbil illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal proposta li kienet waslet sabiex jigu organizzati korsijiet ta' Yoga minn ghalliema kwalifikata. Kellha tinzamm laqgha bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jiddiskuti l-materja.
- Kien hemm qbil illi kellha tintalab laqgha lill-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti kapitali b'konnessjoni ma' proposta li gewwa bacir Numru 1 issir funtana b'ilma jiccaqlaq u bi dwal adattati.
- Wara li nrqat korrispondenza minghand sidt sit fi Triq Wigi Rosato, kien hemm qbil illi l-Kunsillier responsabbli mill-harsien tal-annimali kellu jaghmel kuntatt ma' cat feeder li kien jiehu hsieb iz-zona bil-ghan illi ticcaqlaq *cat cafe'* li kien hemm.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel avviz f'publikazzjoni li kien ser johrog il-kazin tal-Banda San Gorg. Skont l-ittra li kien ircieva l-Kunsill Lokali l-avviz kien ser ikun qieghed jiswa mitt ewro.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellux jintervjeni fil-kaz ta' un/loading bay li kien hemm fi Triq l-Oratorju sakemm is-sid innifsu tal-imsemmija un/loading bay ma jiktibx b'mod ufficjali lil Transport Malta.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'arrangamenti li kienu saru minn Transport Malta bil-ghan illi xi marki tal-karreggjata ikunu jistghu isiru mill-istess Kunsill Lokali u minghajr il-htiega ta' awtorizzazzjoni mill-istess Transport Malta.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi sottomissjoni li kienet saret sabiex issir rigenerazzjoni ta' pjazza Santa Margerita kienet giet approvata u li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jibbenefika minn madwar mitejn elf ewro sabiex jaghmel ix-xogholijiet.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu fuq talba tal-Kunsillier Johann Scerri jaghmel xoghol fuq kaptell li kien hemm fi Triq Wigi Rosato.
- Kien hemm qbil illi kellha tintbaghat korrispondenza lil Transport Malta bil-ghan illi reserved parking bay li kien hemm fi Triq il-Pellegrinagg tigi mcaqilqa bi ftit metri ghaliex kienet ser tkun ta' ostruzzjoni ghal armar fi zmien il-festa tal-lokalita'.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi ma kelliex tigi milqugha talba li kienet tressqet minn kumpanija privata sabiex isiru stands ghal kenuri gewwa bacir numru 1.

- Kien hemm qbil illi kellha tintbaghat risposta lil indivdwu li kien ghamel allegazzjoni li sarulu hsarat fil-proprjeta' tieghu li kienet tinstab fi Triq San Pawl u li wara li inqraw id-dettalji gie stabbilit illi ma kienx hemm bazi ghal gustifikazzjoni tat-talba.

10.8.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif deciz, wasal sabiex jigi konkluz il-process sabiex jigi varat b'mod ufficjali l-progett tal-iSchool Grannies liema progett kien ser jigi implimentat hekk kif jifthu l-iskejjel ghall-istudenti. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward filwaqt li kienu tlestew l-arrangamenti logistici kollha, minhabba li wahda mill-persuni li kienet ser tkun qieghda sservi bhala school granny kienet qariba taghha, kienet ser tkun qieghda tiddikjara kunflitt ta' interess fil-materja skont l-att dwar il-Gvern Lokali (Kap 363) u tipprocedi billi thalli l-kamra tas-seduta. Is-Il-Kunsillier Martin Vella qal illi huwa wkoll kellu qariba li kienet ser tkun qieghda sservi bhala school granny u l-istess bhas-Sindku kien qieghed jiddikjara kunflitt ta' interess fil-materja.

Is-Sindku u l-Kunsillier Martin Vella hallew il-kamra tas-Seduti 7:55p.m.)

Is-Seduta twaqqfet minhabba nuqqas ta' quorum (7:55p.m.)

Is-Seduta tkompliet wara li s-Sindku u l-Kunsillier Vella poggew mal-mejda tas-seduta (8:00p.m.)

**10.9 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

10.9.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:00 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-14 ta' Ottubru 2021 fil-5:30 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |